MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2010

Appell Kriminali Numru. 65/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Michael Bezzina**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Michael Bezzina talli fis-7 ta' Novembru 2009 ghall-habta tad-9.30 a.m. gewwa l-Imqabba zamm, garr jew kellu fil-pussess tieghu arma (Airgun tal-marka BSA Airsporter Ser. No. GN6153) minghajr il-licenzja necessarja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Il-Qorti get mitluba tordna l-konfiska ta' l-arma msemmija;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-9 ta' Frar 2010 li permezz

taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Michael Bezzina hati ta’ l-imputazzjoni dedotta, ikkundannatu multa ta’ sitt mija tmienja u disghin euro u wiehed u tmenin centezmu (€698.81) u ordnat il-konfiska ta’ l-arma;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Michael Bezzina minnu pprezentat fit-22 ta’ Frar 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata u tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li s-sentenza appellata hi nulla stante li giet indikata data erroneja ta’ meta giet ippronuncjata s-sentenza; (2) li, minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi kif ukoll interpretazzjoni zbaljata tal-ligi. Il-persuna li ghamlet ir-rapport fil-konfront ta’ l-appellant ghazlet li ma tixhidx quddiem l-ewwel Qorti u l-unika prova fil-konfront tieghu kien l-affidavit ta’ P.S. 1448 Victor Buttigieg. Mill-banda l-ohra l-appellant xehed u f’ebda stadju ma ammetta li kellu xi arma fil-pussess tieghu stante li l-arma in kwistjoni kienet ta’ missieru li huwa mejjet u li kienet tinsab fir-razzett ta’ zijuh. Effettivament l-arma nstabet f’tali razzett filwaqt illi l-appellant jghix band’ohra. Il-genwinita` tieghu tidher meta hu stess indika lis-Surgent minn jeddu l-imsemmija arma.

Din il-Qorti sejra fl-ewwel lok tikkunsidra l-ewwel aggravju. Skond l-appellant is-sentenza hi nulla peress illi d-data indikata fuq is-sentenza hi erroneja u taqra “9 ta’ Jannar 2010” meta kellha taqra “9 ta’ Frar 2010”. Huwa jirreferi ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija v. James Camilleri** fis-26 ta’ Ottubru 2006. F’dak il-kaz is-sentenza appellata kienet inghatat fit-28 ta’ Lulju 2006 mentri d-data fuq il-kopja dattilografata kienet tghid 26 ta’ Lulju 2006. A differenza

mill-kaz odjern, pero`, fil-kaz tas-sentenza ta' James Camilleri ma kienx hemm is-sentenza originali fil-process u kien hemm biss il-kopja dattilografata. Difatti f'dik is-sentenza naqraw hekk:

**"Il-prosekuzzjoni w id-difiza qablu li <u>la darba fil-process ma hemmx is-sentenza originali</u>, din il-Qorti trid toqghod fuq il-kopja dattilografata tas-sentenza li tinsab a fol. 82 sa 84 tal-process li tidher li ghandha data zbaljata w cioe` 26 ta' Lulju, 2006 minflok 28 ta' Lulju, 2006. Qablu wkoll li dan igib in-nullita' tas-sentenza appellata w li din il-Qorti ghandha tirrinvija l-atti lill-Ewwel Qorti sabiex terga' tinghata sentenza skond il-ligi bid-data korretta ta' meta eventwalment terga tinghata"** (sottolinear ta' din il-Qorti).

Din il-Qorti osservat illi f'dan il-kaz is-sentenza dattilografata a fol. 9 tal-process iggib id-data tad-9 ta' Jannar 2010. Issa din is-sentenza dattilografata suppost tirrispekkja dak li sehh fid-data meta giet ippronunzjata s-sentenza. Ezami tac-citazzjoni a fol. 1 tal-process pero` jizvela li hemm is-sentenza originali miktuba *di proprio pugno* mill-Magistrat sedenti, u proprju taht il-firma taghha hemm id-data li fiha giet pronunzjata s-sentenza, cioe` d-9 ta' <u>Frar</u> 2010. Ghalhekk min iddattilografa s-sentenza ha zball u kiteb "Jannar" flok "Frar". Dan ma jirrendix is-sentenza nulla ghax id-data fis-sentenza kif miktuba u pronunzjata mill-ewwel Qorti a fol. 1 (is-sentenza originali) hi korretta. Zball klerikali fid-dattilografar tas-sentenza mhux se jrendi s-sentenza appellata nulla. Ghalhekk l-ewwel aggravju hu michud u din il-Qorti sejra tghaddi biex tikkunsidra t-tieni aggravju li jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi.

Issa, l-appellant gie akkuzat bi ksur ta' l-artikolu 5(1) tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li, minghajr pregudizzju ghad-disposizzjonijiet l-ohra ta' dak l-Att, "hadd ma ghandu jzomm f'xi fond jew ikollu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew igorr barra minn xi fond jew fid-dintorni tieghu xi arma tan-nar, jew munizzjon elenkati fl-Iskeda II minghajr ma jkollu licenza taht dan l-Att."

Il-provi tal-prosekuzzjoni jikkonsistu fl-affidavit ta' P.S. 1448 Victor Buttigieg. Huwa jghid illi fis-7 ta' Novembru 2009 ghall-habta tad-9.30 a.m. kellu rapport minghand certu Giovanni Mifsud illi waqt li kien fuq il-bejt tar-razzett tieghu, sema' bhal sparatura t'airgun u comba taqa' fuq il-bejt tieghu. Skond dan ix-xhud, Mifsud qallu li l-isparatura giet mir-razzett ta' ma' genbu ta' Bezzina u dan kien qed jispara fuq il-hamiem taghhom stess. Naturalment dan li rrakkonta P.S. 1448 dwar dak li qallu Mifsud huwa *hearsay*. Giovanni Mifsud gie prodott bhala xhud quddiem l-ewwel Qorti izda ghazel li ma jixhidx. Skond il-verbal tad-9 ta' Frar 2010: "Wara li nghatat is-solita twissija lix-xhud John Mifsud li jista' jkun li ser jittiehdu (*sic!*) proceduri kriminali kontrih, dan ghazel li ma jixhidx." Ghalhekk ma saritx il-prova jekk verament kienx hemm sparatura.

P.S. Buttigieg pero` kompla jghid illi, wara li kien kelmu Giovanni Mifsud, huwa mar fir-razzett li kien indikalu Mifsud, u cioe` 3, Triq is-Siggiewi, Mqabba, fejn kellem lill-appellant. P.S. Buttigieg imbaghad jghid hekk: "dan cahad li kien qed jispara ghall-hamiem kemm hu kif ukoll xi hadd iehor minn tal-familja. Meta mistoqsi jekk kllux xi airgun dan qal li kellu wahda antika tal-marka BSA airsport serial no. GN6153 li kienet ta' missieru li llum m'ghadux haj u licenzja taghha m'ghandux, fejn din giet moghtija lill-Pulizija."

L-appellant xehed quddiem din l-Qorti llum stess fejn ammetta li l-*airgun* in kwistjoni kienet fil-pussess tieghu u kienet minghajr licenzja. Ghaldaqstant fuq l-ammissjoni tieghu stess din il-Qorti ma tistax hlief tghaddi biex tikkonferma s-sentenza appellata.

Ghal dawn il-motivi:

Tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------